



Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli f'isem l-UE dwar l-allinjament ta' ċerti pajjiżi ma' miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo

Fid-29 ta' Mejju 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/905^[1] li timplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK.

Id-Deċiżjoni temenda l-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi kif tinsab fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/788/PESK, billi żżid disa' persuni mal-lista.

Il-Pajjiżi Kandidati l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja*, il-Montenegro* u l-Albanija* u l-pajjiżi tal-EFTA l-Iżlanda, il-Liechtenstein, membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll ir-Repubblika tal-Moldova jallinjaw ruħhom ma' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Dawn ser jiżguraw li l-politiki nazzjonali tagħhom ikunu konformi ma' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

L-Unjoni Ewropea tilqa' u tiegħu nota ta' dan l-impenn.

[1] Ippubblikata fid-29.05.2017 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* Nru L 138, p. 6.

* L-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u l-Albanija jkomplu jagħmlu parti mill-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.